L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Uffiċċju Komunikazzjoni

7 ta' Awwissu 2019
86/2019

**KORSIJIET GĦAS-SENA AKKADEMIKA 2019-2020 MILL-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI U ENTITAJIET OĦRA FIL-KNISJA**

Fis-sena akkademika li tibda f'Ottubru 2019, l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali u diversi entitajiet formattivi oħra fi ħdan il-Knisja ser joffru korsijiet varji ta' formazzjoni. Fost id-disa' korsijiet offruti mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali hemm korsijiet dwar l-Ekumeniżmu, l-għeruq tal-fidi Nisranija fil-Ġudaiżmu, l-ispiritwalità, l-irwol tan-Nisrani fis-soċjetà, u oħrajn.

Il-korsijiet offruti huma dawn:

- **L-Iżvilupp tar-Responsabbiltà Ambjentali**/Developing Enviromental Responsibility (Livell 4)
- **L-Iskoperta tal-Fidi Permezz tal-Arti**/The Way of Beauty: Discovering Faith Through Art (Livell 4)
- **L-Esperjenza Umana ta' Alla fit-Talb**/The Human Experience of God in Prayer (Livell 4)
- **L-ekumeniżmu**/Ecumenism (Livell 5)
- **Il-Ministeru Pastorali tal-Familja**/Family Ministry (MQF Livell 5)
- **L-Għeruq tal-Fidi Nisranija fil-Ġudaiżmu**/Jewish Roots in Christianity (Livell 5)
- **It-Teoloġija**/Theology (MQF Livell 5)
- **Il-Kura Pastorali fl-Iskejjel**/Pastoral Care - Chapliancy in Schools (MQF Livell 6)
- **Id-Dimensjoni Spiritwali fil-Kura tas-Saħħa**/The Spiritual Dimension in Health Care (MQF Livell 6)

L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali twaqqaf fl-2007 bl-iskop li joffri formazzjoni għall-ħtiġijiet reali tas-soċjetà kontemporanja. Il-korsijiet huma akkreditati mill-Malta Qualifications Council u jwasslu għal General Education Award jew Higher Education Award.

Il-prospectus għas-sena akkademika 2019–2020 jista' jitniżżel mill-websajt www.maltapfi.org/courses.php. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jibgħat imejl fuq pfimalta@gmail.com.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**